MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Numru. 40/2001

**IL-PULIZIJA**
(SPETTUR MAURICE CURMI)

-VS-

**FRANCIS PISOCPO** ta’ 41 sena bin Laurence u Josephine nee’ Mercieca, imwieled ir-Rabat Ghawdex fid-19 ta’ Novembru 1960 u joqghod “Sunnyside”, Flat 3, Triq Manuel Magro, Marsalforn, Ghawdex
Karta ta’ l-Identita’ numru 63960(G)

Illum 31 ta’ Lulju 2003

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-30 ta’ Dicembru 2001 ghall-habta ta’ 5.20 ta’ fil-ghaxija fi Flat 9, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex

volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq bieb tar-residenza ghad-detriment ta’ Carmel Sacco mir-Rabat, Ghawdex, liema hsara hija ta’izjed minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500), ai termini ta’ l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkosatanzi fuq imsemmija fi Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex saq jew kellu l-kontroll ta’ motor car tal-ghamla Opel bin-numru tar-registrazzjoni AAQ-053 li kienet fi Triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi ai termini ta’ l-Artikolu 15A tal-Att Nru VI ta’ 1998 Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija rrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun kif mahsub taht l-artikolu 15E (4) ta’ l-Att Numru VI ta’ 1998 Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-sitess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija saq vettura ta’ l-ghamla Opel bin-numru tar-registrazzjoni AAQ-053, b’manjiera traskurata, perikoluza u kontra s-sinjal tat-traffiku;

Ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ diversi membri tal-Korp tal-Pulziija, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, ai termini ta’ l-Artikolu 95(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess data, ghall-habta tal-5.35 ta’ filghaxija fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat Ghawdex volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq bieb divizorju u hgiega ta’ notice board ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta liema hsara hija ta’ anqas minn mitt Lira Maltin (Lm100) ai termini ta’ l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat

Rat illi fil-mori tal-kawza l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u stante li d-danni gew rizarciti.

Issibu hati;

Rat l-artikoli 325 (a), 95(1), 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15, 15A, 15E, 18 tal-Kapitolu 65.

Tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' mitejn lira Maltin (Lm200) pagabbli f'rati mensili ta' ghoxrin lira fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jibda fl-ahhar ta' Settembru 2003.

Inoltre tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal zmien tmint ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------